*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 22**

**It-Tnejn 16 ta' Marzu 2026.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**22.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra t' apoloġija tal-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud.

**22.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 21 li saret Nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2026:</u>***

**22.2.1** **<u>Korrezzjoni tal-Minuti: Laqgħa 21 li saret Nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2026:</u>**

**22.2.1.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab sabiex paġna 10 paragrafu 21.7.11 għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi rigward il-lattrina ta' San tumas hemm xi kaxxi tad-dawl li huma ta' terzi persuni li qeghdin fuq is-saqaf tal-lattrin u spjega illi staqsa lil ufficjali ta' lMalta jekk jistgħux jwaqqawha b'tali mod li jibnu madwara umbad iwaqqaw il-kumplament u jidher li l-Perit qabel ma din il-proposta sabiex naghmlu shifting tal-apparat. Il-kunsillier J Baptist qal li ser jneħħi l-appart tal-kunsill imma tlabna lil lMalta biex lMalta tidħol f'arranġament mas-servizzi biex ineħħu dawn il-meters ta' terzi persuni.*

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**22.2.2** **<u>Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 21 li saret Nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2026:</u>**

**22.2.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 rigward il-bus shelter fi Triq il-Qaliet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li għad ma għandiex risposta.

**22.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 21.2.2.6rigward il-kajjik.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri wieġbu li l-kajjik lest u qed jaħdem fuq il-kabus. Huwa qal li kif hemm ix-xogħol qijed jsir fil-pjazza nipreparaw il-base tiegħu fi Ġnien Sant Anna. Huwa kompla jgħid li dan il-kajjik jitpoġġa minflokk li hemm ta Triq il-Blajjiet għaliex huwa deterjorata u issirlu cradle u indawruh bil-gebel u dawl madwaru, filwaqt li għanda kajjik ukoll restawrat li ser jingħata mingħand tal-Basli u dak jitpoġġa ġo Ġnien Sant Anna peress li għandu iktar storja Skaliża.

Kien hemm qbil li il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jiltaqa' mal-Catbros.

**22.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 artiklu 21.3.4 rigward PA07170/23.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna konna tfajna *objection* però għad ma hemmx risposta.

**22.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 7 artiklu 21.3.6 rigward il-latrina San Tumas.

Is-Sindku qal li għand ma għandiex risposta li ser jwaqqawa avolja huwa nforma lil Perit li hemm is-saqaf jrid jinbidel

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-ħitan huma milħa u saqaf irid jinbidel u anke kien sar rapport mill-Perit tal-Kunsill. Huwa talab sabiex filkas issir mill-Kunsill.

Kien hemm qbil li nitolbu lil IMalta lil Perit Janice Borg u CEO is-Sur Steve Ellul sabiex titwaqqa u tinbena mill-ġdid għaliex ser jsir proġett ġdid ġol ġnien u għandna tinbidel għaliex bħala Kunsill ser tieħu iż żmien biex issir u il-bajja ta San Tumas hija *Blue Flag*.

**22.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 9 paragrafu 21.7.12 rigwrad il-plakkek ta xiex għeżież mejtin mal-bankijiet fi Ġnien Sant'Anna.

Is-Sindku wieġbu li lesti u ser jitwaħħlu.

**22.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela staqsa fuq paġna 9 paragrafu 21.7.14 rigward il-cameras tal-Bidni.

Is-Sindku wieġbu li qed nistennew mill-Enemalta u ser ngħamlulhom *reminder*.

**22.2.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 paragrafu 21.2.2.2 rigward il-bankina ta Triq ta' Gidwet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser nitolbu lil Perit jgħamel il-boq sabiex napplikaw mal-*Public works*.

**22.2.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 paragrafu 21.2.2.5 rigward l-ittra tal-ħwienet.

Kien hemm qbil li l-ittra tintbagħat għaliex ser jitneħħew l-iskips minn Triq ix-Xatt u jridu jsibu soluzjoni huma sabiex jiddisponu mill-iskart.

**22.2.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 paragrafu 21.2.2.11 fejn qal illi id-dawl ġo Ġnien Sant Anna ġie irranġat u issa qed jixgħel.

## 22.3 *Kommunikazzjoni mis-Sindku:*

### 22.3.1 FOI Request (35/0807/26/I)(35/0786/25/I)

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi s-Sergetarju tal-Marsaskala Residents Network għalkemm bgħat diversi emails u aħna dejjem iddiskutenjihom waqt seduta tal-Kunsill baqa jitlob li nibgħatulu l-minuti li kienu saru mal-Ministru Bonnett u aħna dawn il-minuti ma bgħatnijomlux mhux għax fijhom xi affarijiet x'naħbu però għax propju dawk mhux minuti uffiċċjali u għaldaqstant ma jistgħawx jiġu pubbliċi. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-korripondenza mibghħuta minn Dr Sammut u d-dversi talbiet tieghu fejn il maġġoranza tal-istess mistoqsijiet iridu jiġu mwieġba mil-Ministru u minn Imalta peress li x-xogħol qed isir minnhom u allura huma responsabbli għal ħruġ, aġġudikazzjoni ta' tenders kif ukoll pubblikazzjoni jew informazzjoni li trid tingħata lil pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-persuna qed isostni li qed tiġi miċhuda mid-dritt ta' Informazzjoni u allura qed jisottometti ilment mad DLG skond il-*freedom of information act* u l-Avukata tal-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ikkomunikat mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u infurmata li mill-lum l-quddiem irridu nimmonikaw mal-Avukata tad-Dipartiment u mhux iktar mas-Segretarju tal-Marsaskala Residents Network. Huwa qal li lil Avukata tad-Dipartiment spjegala kollox u bagħat il-minuti ta mal-Ministru Bonnett lil Avukata tad-DLG.

**22.3.2** **Car Claim KOR027 (35/0809/26/I):**

Kien hemm qbil li jingħata 70% tas-somma mitluba €89.09

**22.3.3** **Summer 2026 Responsible use of Microsoft copilot for Kids (ages 8-12) TCTC:**

Kien hemm qbil li ma jsirux dawn il-korsijiet peress li ma hemmx post fejn isiru u l-apparat tal-kompjuters issa kollu żarmat.

**22.3.4** **Skemi DLG (35/0762/26/I):**

**22.3.4.1** **SPI.SCI.01.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 14 ta' April 2026):**

Is-Sindku qal sabiex napplikaw għal Karnival Sajf 2026

Kien hemm qbil dwar dan

**22.3.4.2** **SPI.SCI.02.2026 - Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026):**

Il-Kunsill qabel li ma napplikawx.

**22.3.4.3** **SPI.SCI.03.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026).**

Is-Sindku qal sabiex napplikaw għal Milied Skaliż 2026

Kien hemm qbil dwar dan.

**22.3.5** **Skemi DLG (35/0763/26/I):**

**22.3.5.1** **SPI.SCI.04.2026 - Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026)**

Il-Kunsill qabel li ma napplikawx.

**22.3.5.2** **SPI.SCI.05.2026 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026)**

Il-Kunsill qabel li ma napplikawx.

**22.3.5.3** **SPI.SCI.06.2026 - Finanzjament - Karnival 2027 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 28 ta' Awissu 2026).**

Is-Sindku qal sabiex napplikaw għall-għajnuna finanzjarja għal Karnival Sajf 2026

Kien hemm qbil dwar dan.

**22.3.6** Is-Sindku spjega lil Kunsilliera illi illum sar jaf x ha jsir fil-pjazza u informa lil Kunsilliera b'dan li ġej.

- Central Strip quddiem it-Tiffany's ser tinqala u ser tidjieq u mhux ser tibqa bil-ħamrija
- Ir-Roundabout ser tinbena oħra bħala eżatt l-istess qies iżda tiċċaqlaq ftit minn fejn qedgħa.
- Il-bankina quddiem il-Kunsill ser titwessax daqs wiesgħa ta kurduna u peress li ser tgħola ser issir culvert.
- Ser jinqala il-ħwat kollhu u ser jiġi planter sħiħ.
- Minflokk il-bollards tan-nofs ġejjin ħames parkeġġi.

Huwa kompla jispjega kif ser jsir it-*traffic managment* temporanjament.

Is-Sindku qal li tkellem mal-Kappillan sabiex din is-sena jgħaddi bil-purċisjoni mill-Ġnien u jekk mhux possibbli jgħaddi min Triq Santa Tereża u l-karozzi jiġu devjati miż-Żonqor.

- ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-7.08pm***

**22.3.7 <u>Support to Local Councils for the setup of recreational open spaces, sensory play areas, and green pockets which include dog parks and cat cafes- Scheme 2026</u>**

Il-Viċi Sindku qalet sabiex napplikaw għal din l-iskema u issir fil-Family Park. Hija kompliet tispjega li kull ma irridu dikjarazzjoni minn *Project Green* li jistgħa jsir hemm peress li titlu tal-art hija tagħhom. Hija spjegat li ddan il-cat cafe ser jieħdu ħsieba il-volontiera.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk għadux jsir *neutering.*

Il-Viċi Sindku irrispondiet li *neutering* għadu jsir.

**22.3.8 <u>Patrick Guntrip vs l-Awotorita tal-Imppjanar (35/0810/26/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-proċess kollhu li sar fi ħdan l-estenzjoni tal-pompa tal-petrol. Huwa spjega li fl-opinjoni tiegħu l-iżviluppatur għandu ċans kbir li jirbaħ l-appell.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar spjega fid-dettal is-sistema ġudizjarja.

**22.3.9 <u>Priza Day Books :</u>**

Is-Sindku preżenta l-komunikazzjoni tal-iskola sabiex nixtrulhom il-kotba li jammontaw għal €700.32.

Kien hemm qbil dwar dan.

**22.3.10 <u>AGM</u>**

Is-Sindku informal il Kunsilliera illi illum kelna konferma li kellna l-approvazzjoni li ser ningħataw €34,000 għal AGM tad-Douzelage li din id-darba jmiss li ssir f'Marsaskala.

**22.3.11 <u>Noma Island:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab lil Kunsill sabiex nieħdu deċiżjoni fuq Noma Island.

Is-Sindku qal li deċiżjoni diġa ittieħdet fuq ic-chart tal-kunsilliera u li hu kien diġa rrisponda l-ġurnalista mill-*Malta Today* fejn spjega li bħala Kunsill ma naqblux man-Noma Island.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għalkemm id-deċiżjoni finali jekk issirx Marsaskala mhux tal-Kunsill, il-Kunsill qed jiddikjara illi huwa ma jaqbielx li issir Marsaskala u għandha tiġi ppublikata din l-istqarrija fuq il-facebook tal-Kunsill.

**22.3.12 <u>Moll ta San Tumas:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fil-laqgħa pubblika li kellha l-Għaqda Baħħara u Sajjieda ġie diskuss li minħabba l-ħsarat fil-mollijiet l-uniku moll minn fejn jistgħu jvaraw huwa ta San Tumas (it-twil) u wara il-maltempata Harry dan imtella kollhu ramel u għandu jitnaddaf.

Kien hemm qbil li nibgħatu l-Perit Janice Borg.

**22.3.13 Tree Planting Activity – Toppan Security (35/0828/26/I):**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li avviċinah is-Sur Gatt u qallu li jixtieq jgħamlu ta donazzjoni ta €300 u hemm il-possibilita` li anke jgħaru €600 f'siġar fil-lokal.

Kien hemm qbil li jitħawlu fil-konok il-vojta li hemm fi Triq il-Blajjiet u jekk jifdal jinsab ukoll post ieħor u għanda tintalab laqgħa miegħu.

**22.3.14 Bandli Pjazza Mifsud Bonnici:**

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li fil-preżent il-bandli qiegħed perikoluż għat-tfal u għandu jingħalaq.

Is-Sindku qal li ser jiċċekja fuqha

**22.3.15 One way System ta Bellavista:**

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri staqsa fiex waslet l-implimentazzjoni tal-*one way system ta Bellavista.*

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Cohen u rappreżentant tal-Ministeru, fejn qal li huma bidlu fil-proposta tagħna li Triq iż-Żafran, Triq Ġebel Ħanxul u Triq il-Gemmugħa jibqu 2 way għaliex inkella ser jistaġna Bella Vista. Huwa kompla jispjega li l-kumplament tat-toroq sa Triq il-Gross ser jkunu one way waħda kontra l-oħra, u jifdall-aħħar tnejn. Huwa kompla jispjega li lil Perit tagħna kellimniex u jer jemenda l-pjanta neċessarja u kif isiru dawn il-one way system umbgħad jsiru l-lights.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li triq iż-Żafran qal li hija problema jekk tibqa 2 way għaliex hija dejqa sakemm mhux ser titwessa it-triq.

**22.3.16 Kenniesa f'Marsaskala:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba staqsiet jekk hux qed isisr superviżjoni biżżejjed sabiex naraw li toroq qed nkunu miknusa u jekk hux qed jimxu mal-iskeda.

Kien hemm diskussjoni fuq dan is-suġġett u tkelmu li jrid jsir iktar progress f'dan is-servizz.

Kien hemm qbil li nibgħatu l-lista tal-knies lil Kunsilliera.

**22.3.17 Kuntrattt al-Latrini:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minn 4 latrina hemm 2 biss miftuħa u qed jitħallas ta 4.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li taz-Żonqor il-problema tad-drenaġġ għanda mhux solvuta u qed jidħol ġol borehole li jimlew il-pixxina minna, hu hemm bżonn li issir pressjoni.

Il-Kunsill qabel li jitħallas skond il-kuntratt iżda ma jitħallasx tal-*overtime* u jnaddaf il-mobile toilets ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed jiprova jirranġa mal-Cleansing sabiex minflokk noħorġu tender jerġu jiġu f'idejn il-gvern u jtina 12 il-siegħa supervised u mnadfa u jieħdu l-allokazjoni huma.

**22.3.18 Pompa tal-Maqgħluq**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li ir-residenti ta' Triq tal-Gardiel qed jilmentaw fuq il-problema li l-pompa tal-maqgħluq mhux taħdem u qed jinħoloq ikonvenjet kbir.

Is-Sindku qal li hemm jaqa taħt in-Nature Trust u flok James Gabaretta issa qed jieħu ħsieb ċertu s-Sur Dorian Camilleri. Huwa kellmu fejn qalu li l-pompa għandha xi ħsara u qed jistenna xi parts.

**22.3.19 AI Courses**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba staqsiet jekk jistgħux jsiru AI Courses għal anzjani.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li jixtieq jgħamilhom. Huwa qal li anke important li jsiru anke għal ġenituri u mhux anzjani biss.

Kien hemm qbil li jikkordinaw bejnithom u naraw kif jistgħu jsiru peress li ma hemmx appart disponibli, forsi jsiru l-Kunsill u jġibu laptop magħhom, jew jużaw is-sala tal-Knisja.

**22.3.20** Is-Sindku qal li kellhu laqgħa mal-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba fuq minn Pjazza għall-Pjazza.

**22.3.21** Is-Sindku qal li kellhu laqgħa mal-Kunsillier is-Sur Francis Gilford fuq ix-xogħol ġewwa San Tumas.

**22.3.22** Is-Sindku qal li kellhu laqgħa mal-Perit Samuel fuq xogħol li qiegħed isir il-Fajtata.

**22.3.24** Is-Sindku qal li kellhu laqgħa ġenerali tal-Għaqda Baħħara u Sajjieda u dilettant mal-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri fejn ġie diskuss il-possibilita li tinstab soluzjoni u jitneħħew karrijiet minn fuq simenta ta' quddiem il-knisja.

**22.3.25** Is-Sindku tkellem fuq ix xogħol li qed jsir fuq bankina fi Triq il-Gidwet.

**22.3.26** Is-Sindku qal li kellhu laqgħa mas-Sidien taċ-Cerviola fuq il-latrina ta taħt il-knisja

**22.4** ***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:***

Ma kienx hemm mistoqsijiet

**22.5** ***Rapporti:***

Ma kienx hemm rapporti

**22.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx hemm items oħra

**22.7** ***Korrispondenza:***

**22.7.1 Data tal-laqgha Pubblika:**

Kien hemm qbil li issir it-Tnejn 13 ta' April 2026 fil-5.30pm.

**22.7.2 Martin Attard Claim for burst tyre (35/0568/26/I):**

Kien hemm qbil li jingħata 70% €88.68.

**22.7.3** **Representation re PA/00335/26 (35/0572/26/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tefa l-oġġezzjoni tal-Kunsill għaliex din hija talba biex jbiddel l-użu ta post għan nagħaġ biex jpoġġu l-iljuni.

**22.7.4** **Sleeping policeman Triq il-Vjola (35/0654/26/I):**

Is-Segetarju Eżekuttiv qal li dan ir-resident qed jitlob sabiex jitressaq l-*isleeping policeman* ftit il-fuq.

Kien hemm qbil li nitolbu lil TMalta.

**22.7.5** **Board Decision (35/0594/26/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li il-Public works approvaw il-Boq's sabiex jagħmlu il-bankini fuq iż-żewġ naħat fi Triq il-Katakombi u frankajna il-fuq minn mitt elf ewro.

**22.7.6** **Allokazzjoni Finanzjarja Gimgha Mqaddsa u San Girgor 2026 (35/0586/2/I):**

IS-Sindku qal li għanda €500 mir-Regun u huwa qed jissuġġerixxi li nonfqu €250 figward il-leaflet li jgħamel il-Każin tal-Banda u €250 jgħamlu mixgħela

**22.7.7** **Jeanpaul Muscat Claim for vehicle damage pothole Pjazza Mifsud Bonnici (35/0601/26/I):**

Il-Kunsill qabel li din il-kljem ma tiġiex aċettata għaliex dik manhole tal-water Services u l-kljem għanda issir mgħahom.

**22.7.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 22:***

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela issekonda. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**22.7.9** ***Mozzjonijiet:***

Ma kienx hemm mozzjonijiet

**22.10** Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 13 ta' April 2026 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 16 ta' Marzu 2026.

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| ____________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |